SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 05/K5/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/07/'05 194**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/07/'05 247**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużati: Il-Kunsilliera David Borg u Norman Vella.

1.05 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

1.06 Preżenza tal-pubbliku: 1

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-22 ta' Lulju 2005. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Management Letter
4. Rapport Annwali Amministrattiv
5. Offerti: - Knis u Tindif tat-toroq
   - Bulky Refuse
   - Lattrini Pubbliċi
6. Xatt is-Sajjieda

7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3** Qabel bdiet il-laqgħa s-Sindku, f'ismu u f'isem il-familja tiegħu, irringrazzja lill-Kunsill għas-sogħba li wrew lejn it-telfa ta' missieru (is-Sur Edgar Bonello) billi fl-iżjed mument diffiċli sab l-appoġġ ta' kulħadd.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 4/K5/05 għall-approvazzjoni.

1.4.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ressaq emenda għal Paġna 4 Taqsima 5 Paragrafu 5.03 biex minflok il-kelma "ssuġġeriti" titniżżel il-kelma "miżjuda".

1.4.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.4.05 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 4/K5/05 kif emendati.

1.4.06 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.4.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.5** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 3 u 4 qabel item 2.

**1.6** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3. Management Letter**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b' kopja tal-Management Letter u l-azzjoni li ser tittieħed fuqha permezz ta' ittra Rif. K761/62/05 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tar-risposta għall-Management Letter.

3.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Rapport Annwali Amministrattiv**

4.01 Iċ-Chairman ressaq ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2004/05 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'B')

4.02 L-Accountant tal-Kunsill Louis Padovani u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni.

4.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2004/05.

4.04 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv.

4.07 Is-Sur Padovani ġie skużat fil-5.15 p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 2432 | Ittra mingħand l-Għaqda Nisa Ġiljaniżi rigward l-istat ħażin tas-sala li minnha qed jingħat servizz minn diversi għaqdiet fil-komunita'. |
| 2795 | Ittra mingħand General Cleaners Co. Ltd. rigward Waste Seperation Advertising Receptacles. |
| 2836 | Ittra mingħand il-Ministeru tar-Risorżi u Infrastruttura, Taqsima tax-Xogħlijiet, rigward Underground Bring-In Site f'Paceville. |
| 2866 | E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward irtirar finanzjarju mill-allokazzjoni tal-Kunsill. |
| 2944 | Ittra mingħand il-Payzone Co-operative Ltd. rigward permess speċjali ta' pparkjar għall-ħaddiema waqt li jkunu fuq xogħol. |
| 3006 | Ittra mingħand il-BOV rigward bins li l-Kunsill talabhom li jagħmlu ħdejn l-ATM li għandhom fi Triq San Ġorġ k/m Triq Ross. |
| 3152 | E-mail mingħand il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern rigward Archimed project proposal. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nri. 2432

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda Nisa Ġiljaniżi. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li jiġu allokati LM 100.00 sabiex jinxtara s-servizz biex tiġi rranġata s-sala li qed tintuża minn diversi għaqdiet li jaħdmu fil-komunita'.

2.03 Il-Viċi Sindku Karl Gouder wasal fil-5.20 p.m.

2.04 Rif. Nru.2836

B'riferenza għall-ittra mingħand Il-Ministeru għar-Risorżi u Infrastruttura, Taqsima tax-Xogħlijiet, rigward l-Underground Bring-In Site f'Paceville ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lid-Direttur Ġenerali fejn jiġi nfurmat li għalkemm il-Kunsill huwa favur li jsiru l-Bring-In Sites fil-lokalita', l-Kunsill m'għandux il-fondi biex ikopri l-ispiża kollha skond il-kuntratt li ntbagħat lill-Kunsill. Għalhekk ma jistax jieħu din ir-responsabilta' li ser taffetwa l-operat tal-Kunsill.

2.05 Rif. Nru. 2944

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Payzone Co-operative Ltd. rigward permess speċjali ta' pparkjar għall-ħaddiema waqt li jkunu fuq xogħol ġie deċiż unanimament li jiġu nfurmati li t-talba tagħhom ma ġietx aċċettata peress li l-Kunsill m'għandux id-dritt li jagħti dan it-tip ta' permess.

2.06 Rif. Nru. 3006

B'riferenza għall-ittra mingħand il-BOV, rigward bins li l-Kunsill talabhom li jagħmlu ħdejn l-ATM fi Triq San Ġorġ k/m Triq Ross, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-Kunsilliera Irene Borg tkellem lis-Sur George Cardona Schranz.

**5. Offerti**

5.01 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li f'Settembru jagħlqu l-kuntratti tal-Knis u Tindif tat-Toroq, tal-Bulky Refuse u tal-Latrini Pubbliċi. Saret riferenza wkoll għal memo 13/2002 .

5.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li jiġġeddu l-kuntratti tal-knis u tindif tat-toroq, tal-Bulky Refuse u tal-Latrini Pubbliċi.

5.03 Ġie deċiż unanimament li jinħarġu t-tenders għall-'Household Refuse Collection' u tal-Contracts Manager peress li waslu biex jiskadu.

## 6. Xatt is-Sajjieda

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li sar it-tindif ta' Xatt is-Sajjieda iżda għadu qed jistenna r-rapport li kellu jsir mill-Kumitat tas-Sajjieda.

6.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna talab li fin-nuqqas tal-Kunsillier David Borg dan is-suġġett jiġi diskuss darb'oħra.

6.03 Wara diskussjoni ġie deċiż li r-rappreżentanti tal-Kunsill, il-Kunsilliera Richard Scicluna u David Borg, jiltaqgħu ma' l-Għaqda Sajjieda u Dillettanti Ġiljaniżi sabiex jiddiskutu d-draft tal-Bye-Laws li bi ħsiebu jħejji l-Kunsill u jippreżentaw rapport bil-miktub lill-Kunsill.

## 7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

7.02 Il-Kunsill qabel unanimament li titħallas il-fattura 6148 ta' Lm30 lill-ALM Enterprises Ltd għat-Transport li provda waqt il-ħarġa ta' l-anzjani li organizzat il-Kunsilliera Irene Borg.

7.03 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

7.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1878 sa 1896 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lilll-Kunsill li qed isiru u jingħataw ordnijiet għal ċerti xogħlijiet li jaqbżu ammont ta' flus konsiderevoli qabel il-Kunsill ikollu l-istejjem. Hija ġibdet l-attenzjoni li din il-prattika tista ġġib lill-Kunsill f'qagħda finanzjarja ħażina. Għalhekk ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex ikun aktar kawt fid-deċiżjonijiet li qed jittieħdu u biex josservaw aktar il-proċeduri u r-regolamenti.

8.03 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1878 sa 1896.

8.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondaha.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

9. **Materji Oħra**

9.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

9.03 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għall-arloġġi tal-parking u informa lill-Kunsill li peress li l-Kunsill m'għandux numru tal-VAT dawn ma jistgħux jinbiegħu, għalhekk minn irid jista jixtrihom mill-ADT jew minn 'stationery'.

9.04 Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni sabiex sa nhar l-Erbgħa 3 t'Awissu l-Kunsilliera jippreparaw artiklu għal-ħarġa tal-magażine. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-magażine, għal din id-darba, ser jerġa jsir mis-Sur Tony Cesareo peress li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex tinġabar l-informazzjoni mitluba. Minbarra dan is-Sur Vincent Vassallo mhuwiex interessat fil-pubblikazzjoni tal-magażine.

9.05 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li:-

- ✓ l-għada tal-festa ta' San Ġiljan il-Kunsill ser ikun magħluq.
- ✓ l-ġimgħa ta' San Marija ser jittieħed il-leave mill-impjegati u ser jkun hemm xi ġranet li jkun hemm is-Sur Victor Cachia biss.

9.06 Saret riferenza għall-Minuti 04/K5/05 taqsima 9 paragrafu 9.13 – 9.15 fejn inġibdet l-attenzjoni illi:-

- ➢ t-towing tal-karrozzi qed issir mill-Pulizija
- ➢ l-Kunsill ma jistax jirrinunzja l-ammont dovut mill-LES sabiex jitneħħew xi vettura abbandunati. Dan minħabba l-fatt li l-Kunsill ma jistax jirrinunzja xi ammont li ma jkunx jappartjeni lill-lokalita' tiegħu.

9.07 Il-Kunsilliera Irene Borg nfurmat lill-Kunsill li l-għada 29 ta' Lulju 2005, ser torganizza Barbeque 'self-funding' għall-anzjani fil-Hotel Diplomat fejn ser jattendu madwar 70 persuna.

9.08 B'riferenza għall-Minuti 4/K5/05, taqsima 4, ġie deċiż unanimament li tintbagħat ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill sabiex jinbidel l-isem ta' Triq Mikelangelo Borg għal Triq il-Papa Ġwanni Pawlu II.

9.09 Ġie deċiż li:

- ➢ tintalab stima sabiex tiġi rranġata l-bankina ta' Triq Michaelangelo Caggiano kantuniera ma' Triq il-Baħar l-Iswed.

- ➢ jsir is-sotto-bank ta' taħt ir-railings ta' ħdejn Delina taż-żebgħa miċ-Central District Office u tinġibed l-attenzjoni biex jiġi kkoordinat ix-xogħol ma' l-MSD.

- tinġabar stima mill-Cleansing Department sabiex tiġi mnaddfa l-area ta' fuq in-naħa tax-xellug int u tiela fi Triq Birkirkara min-naħa ta' l-Independent.

- jsir railing in-naħa tal-zuntier mal-ġenb tal-Knisja ta' Lapsi .

- ssir laqgħa mal-Kummissarju John Rizzo, l-Assistant Kummissarju Pawlu Sammut u mas-Supretendent Bertolomew Mula dwar is-sitwazzjoni tal-Ġnien Spinola u l-bajja ta' Triq Wilġa wara l-Hilton.

- ssir laqgħa ma' l-Assistent Kummissarju Pawlu Sammut u mas-Supretendent Bertolomew Mula rigward towing ta' karrozzi bla liċenzja, studenti u affarijiet oħra.

- tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur, in-Northern Cleaning Co-operative Ltd sabiex jinħaslu ta' spiss l-iskips kollha tal-lokalita' u jbiddel l-imkissrin.

- tintbagħat ittra lis-Sanita' minħabba li l-iscammels li jintużaw fil-lokalita' jintnu u qed ikunu ta' 'health hazaard'.

9.10 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-7.15 p.m.

Peter Bonello
Sindku

Helen Walker
Segretarju Eżekuttiv